Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 63**
**it-Tlieta 27 ta' Frar 2024**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai :  Sindku
Charles Selvaggi :  Kunsillier
Romina Galea :  Viċi Sindku  (harget 18:45)
Maurice Agius :  Kunsillier (hareg 18:45)
Nicholas Joseph Chircop :  Kunsillier
Emanuel Brincat :  Kunsillier
Renald Camilleri :  Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Jean Claude Borg :  Kunsillier
Alfred Farrugia :  Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella :  Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

63.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tas-Sinjuri Jean Claude Borg u Alfred Farrugia li talbu li jkunu skużati.
Il-kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

63.2.01 Il-minuti tas-seduta L8-61 u L8-62 ġew approvati unanimament.

**63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

63.3.01 Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet u tgħat dettalji dwar tlett proġetti Ewropew li l- Kunsill Lokali ta' L-Imsida ġie mistieden jipparteċipa bħala sieħeb fihom. 1 - SUBLIME-SDG "Unite border comunities as Leaders of inclusivness, mobilisation and empowerment" mill-Comune di Lampedusa e Linosa b' applikazzjoni li tressqet b'sejħa Raising public awareness of development issues and promoting development education in the EU "DEAR Programme", 2 - EN.CO.P " Engage, Connect and Empower young citizens living in the border towns of Europe" mill-Kisharsány Községi Önkormányzat (Ungarija) flimkien ma' BTIN b'applikazzjoni li tressqet b'sejħa CERV-2023-Citizens Town Network, u 3 - "Facing Emergency Accidents in our Daily Life" mill-organizzazzjoni Griega Society in Progress. L-applikazzjoni tressqet b'sejħa għal proposti 2024 Erasmus+ u qed tistenna l-approvazzjoni.

63.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar meta f'2020 permezz ta' Non Resident Nepali Association "NRNA" kienet qed ssir promozzjoni ghat-turizmu fejn kien hemm ukoll stedina biex ssir żjara fil-pajjiż li ma setgħetx ssir minhabba il-pandemija tal-Covid 19. Hawn għarrfet lill kunsilliera preżenti li aċċettat invit minn għand l-kordinatur tas- Sottokumitat għall- Koordinazzjoni Internazzjonali VisitBharatpur 2024 sabiex tipparteċipa fiċ-ċerimonja tal-ftuħ fejn spjegat li se tieħu ħsieb personalment biex tħallas ghal-ispejjez tal-vjaġġ u akkomodazzjoni.

63.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda notifika mill- Arcipriet dwar il-programm ta' purċissjonijiet tal-knisja ghal żmien ir-Randan li tgħat id-dettalji dwarhom.

**63.4 Tweġibiet għall-Mistosijiet tal-Kunsillieri;**

63.4.01 B'referenza għal minuti 61.3.02 f'rigward ta' rikors bil-qorti li għaddej fil- mument dwar it-talbiet għal-danni minn żewġt inċidenti separati, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li kien hemm skedat s-smiegħ għal 21 ta' Frar li ġie differit għas-26 ta' Marzu.

63.4.02 B'referenza għal minuti 61.3.03, Is-Segretarju Ezekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-avukat tal-kunsill bgħat ir-risposta għal dak li ġie allegat mis-sid li ħassu aggravat fejn l-ombudsman talab dokumentazzjoni relatata li ntbagħtet.

63.4.03 B'referenza għal-minuti 61.4.01, Is-Segretarju Ezekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-aħħar fażi ta' xogħol kif kien hemm pjanat go Triq ix- Xatt Ta'Xbiex huwa lest filwaqt li l-kunsill ħa ħsieb jikkomunika ma' IM biex jiġi provdut għar-rampi mal-bankina faċċata tal- promenade mal- pedestrian crossings il-ġodda li ġew konfermati li se jsiru fi żmien qasir sa l-aħħar ta' Marzu.

63.4.04 B'referenza għal minuti 61.4.06, is-Segretarju Ezekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li s-survey tat- taraġ bejn L-Imsida u Santa Venera minn Triq il-Wied u dak tac- Ċirku tal-Imsida ntbagħtu flimkien mal-pjanti ta' siti sabiex ikun kunsidrati għal l-installazzjoni ta' numru ta' lampi solari. Għad fadal jasal is-survey għal Triq is-Swatar ma' central strip faċċata tal-bring in site.

63.4.05 B'referenza għal minuti 61.4.07, f'rigward tal-oġġezzjoni uffiċjali mal-P.A għal-applikazzjoni tal-kontroll tal-ippjanar numru PC 0013/17, is-Segretarju Ezekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-awtorità għall-ambjent u r-riżorsi mhix toġġezzjona għal żvilupp residenzjali li jikkonsisti fi 13-il blokka ta' ħames sulari fuq art agrikola li ma' tintużax fis-Swatar. Ir-raġuni li ngħatat għal din id-deċiżjoni hija minħabba li s-sit jinsab kompletament fiż-żona ta' Żvilupp (DZ) u m'hemm l-ebda tħassib kbir dwar din il-proposta. Din il-pożizzjoni hija konsistenti mal-pożizzjoni tal-aġenzija dwar żviluppi simili proposti fuq siti ta' razzjonalizzazzjoni fis-snin li għaddew iżda jinjora t-tħassib ambjentali mqajjem mill- Kunsill tal-Imsida li qed joġġezzjona għall-iżvilupp filwaqt li jinnota li l-proposta tmur kontra l-parametri stabbiliti fl-eżerċizzju ta' razzjonalizzazzjoni li ppreveda "żvilupp ta' bini maqtugħ b'densità baxxa" limitat għall-50 % aktar baxx tas-sit bil-bqija jinżamm bħala spazju miftuħ. B'kuntrast, il-pjan attwali juri li l-bini propost se jkollu għoli ta' 17.5m (ħames sulari) u għalhekk ma tikkwalifikax bħala żvilupp ta' densità baxxa. Barra minn hekk, il-kunsill lokali għamel enfasi li l-iżvilupp jinsab biswit sit ieħor allokat għal proġett ta' afforestazzjoni li qed jiġi mplimentat minn Ambjent Malta għalhekk ikun aktar għaqli u ta' ġid għal komunità jekk il- proġett ta' afforestazzjoni pubblika ikun estiż u salvat l-aħħar spazju mhux mittiefes ġol-lokal.

Is-sur Emanuel Brincat issuġġerixxa sabiex il-kunsill lokali ikompli jzomm il-pożizzjoni tiegħu billi jipproponi u jitlob lill Gvern Ċentrali biex jikkunsidra li jieħu din l-art f'idejh u fl- Istess ħin jitlob lill l-avukat tal-kunsill biex jagħmel riċerka f'każ ta' bżonn li ssir kawża filwaqt li l-perit għandu jintalab biex jagħmel survey tal-art għal l- istess skop msemmi.
Il-kunsilliera ddiskutew u approvaw

63.4.06 B'referenza għal minuti 61.4.10, Is-Segretarju Ezekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-operatur ntalab biex tiġi żarmata il-BIS ta' go Triq Victor Denaro.

63.4.07 B'referenza għal minuti 61.4.12 dwar il-bankini fi Triq Clarence, Is-Segretarju Ezekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li sar rapport ma l-BCA għaż-żewġt siti tal-iżvilupp msemmija (Dar tal-anzjani PA/8360/21) u (Lukanda- PA/7039/21)

Is-sur Emanuel Brincat kompla dwar li l-BCA reġgħu kellmu lill iżviluppatur ta' PA/7039/21 fejn ġie spjegat li l-bankina ma tistax tingħalaq minħabba li hemm kulvert li ġie mitlub ssir għas-servizzi għalhekk minħabba li jekk issir estensjoni tal-bankina se tonqos il-wisgħa tat- triq qed tiġi kunsidrata l-possibilità li ssir pedestrian crossing temporanja sakemm dan ix-xogħol ikun konkluż.
Is-Segretarju Ezekuttiv ħa nota biex jivverifika.

63.4.08 B'referenza għal minuti 61.4.14, Is-Segretarju Ezekuttiv għarraf lill kunsilliera prezenti li x-xogħol msemmi go Triq Ġemma Portelli minħabba parkeġġ bl-addoċċ huwa konkluż.

63.4.09 B'referenza għal minuti 60.4.15, dwar it-tieni fażi tal- afforestazzjoni, is-Sur Emanuel Brincat għarraf lill kunsilliera li CRPD se jiltaqgħu mal-perit fuq is-sit filwaqt li l-ERA ġa marru biex jivverifikaw x'hemm u ma' sabux oġġezzjoni għal dak propost.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-aċċess ta' din iz-zona minn Triq il-Wied u l-proposti li kienu saru biex jiġi kunsidrat l-inklużjoni mal-proġett tat-tarag tal-metall biex jaqdi l- iskop fejn għadu ma' semma xejn u se tara ma' Project Green f'dan ir-rigward.

63.4.10 B'referenza għal minuti 61.5.05, is-sur Maurice Agius staqsa dwar ħaddiem assenjat.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li m'għadux mal-kunsill Lokali.

63.4.11 B'referenza għal minuti 61.5.06, dwar ilmenti fuq Triq Esperanto, Is-Segretarju Ezekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li bagħat pjanta lill Transport Malta għal kummenti tagħhom sabiex tarġa ssir One Way.

63.4.12 B'referenza għal minuti 61.5.11, Is-Segretarju Ezekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret komunikazzjoni ma' Infrastructure Malta li ħadet ħsieb li jsiru l-marki tat-traffiku fil-parti l-wiesgħa ma' Triq Misraħ il-Barrieri.

63.4.13 B'referenza għal minuti 61.5.12, Is-Segretarju Ezekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li reġa' sar kuntatt mad- direttur tal-kumpanija sabiex jiġu indirizzati dawn l-ilmenti fejn il-kunsill intalab jerġa jibgħat il-lista ħalli jqabbad rappreżentant jivverifika u jmexxi minn hemm.

63.4.14 B'referenza għal minuti 61.5.13, Is-Segretarju Ezekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li sar kuntatt ma' Transport Malta u l- parkeġġ għad- diżabilità go Triq il-kunċizzjoni ġie mplimentat.

63.4.15 B'referenza għal minuti 61.5.14, is-sur Charles Selvaġġi staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-proposti li għamel l-kunsill f'rigward ta' toroq b'parkeġġ kontrollat u biex il-kunsill jara ma' Transport Malta f'hiex wasal il-proċess.
Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li din l-inizjattiva kienet tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali flimkien mas- Segretarjat Parlamentari għalhekk kif kien mitlub fil-laqgħa li saret apposta f'Settembru 2023, il-proposti riedu jintbagħatu għandha biex dawn jitwasslu għal kunsiderazzjoni tal-kabinett u imbagħad jmexxu minn hemm għalhekk l-aħjar li l-ewwel tistaqsi lill Assoċjazzjoni.

63.4.16 B'referenza għal minuti 61.5.15, dwar ir-rampa go Triq Princess Margaret, Is-Segretarju Ezekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li sar kuntatt telefoniku ma' CRPD għal assistenza dwar il-każ li talbu biex il-kunsill jibgħat email fuq accessabilityvetting@crpd.org.mt, b'dettalji tal-iżvilupp u ritratti relatati mar- rampa biex jagħmlu verifika.

63.4.17 B'referenza għal minuti 61.5.17, Is-Segretarju Ezekuttiv għarraf lill kunsilleri preżenti li ġie stabbilit li l-problema ta' dawl go Misraħ 5 ta' Ottubru kienet ġejja mill-armoured cable mgħoddi bejn Misraħ San Guzepp u l- 5 t'Ottubru. Għalhekk il-kuntrattur tal-kunsill ntalab biex jara minn fejn ġejja eżatt il- ħsara li nstabet fil- biċċa ta' taħt il-baħar fejn apparentement b'xi mod nġibed , nqasam u b'short circuit sploda b'hekk kull meta jiġi il-kurrent beda jtajjar il-fuse.<ghalhekk kellu jinbidel il-cable>

Mizjuda:<ghalhekk kellu jinbidel il-cable>

63.4.18 B'referenza għal minuti 62.2.02, is-sur Nicholas Chircop tkellem dwar il-fondi allokati u staqsa jekk tistax tonqos in-nefqa minn xi items fl-estimi.

Is-Segretarju Ezekuttiv għamel referenza għal minuti 61.5.03, fejn hemm spjegat kif hi mqassma l-allokazzjoni tal-gvern li kif msemmi mhux biżżejjed sabiex tkopri numru ta' spejjez marbuta mal-operat tal-kunsill bħal eżempju s-servizz tal-knis li huwa kważi id-doppju. Kif jidher fl-indikaturi finanzjarji tar- raba trimestru flimkien mar-rapport finanzjarju 2023 mhux awditjat, l-accountant għamlet enfasi li l-fondi f' riserva huma ga kommessi mal-implimentazzjoni tal-proġetti għal Pjazza Victor Denaro u taċ-Ċirku tal-Imsida b'hekk ma' hemmx minn fejn talloka aktar fondi ħlief minn sorsi oħra bħal skemi ghall- fondi addizjonali. Hawn kompla jispjega li meta jsir progett permezz ta' fondi minn dawn l- iskemi dan ikun parzjalment iffinanzjati b'differenza li soltu tkun ta' 10% jew aktar li jrid jaghmel tajjeb ghalija il-kunsill. Apparti dawn hemm ukoll li spejjez professjonali li ma' jkunux koperti kif ukoll l- ispejjez ta' wara bħal eżempju dawk relatati mas- sistema ta' CCTV u L-Imsida shuttle kif marbut mal-ftehim.

**63.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

63.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar It-tnedija uffiċjali ta' Premju Mara 2023 / 2024 li saret nhar il-Ħamis 8 ta' Frar minn Dr Lydia Abela sabiex issir sejħa f'kull lokalità madwar Malta u Għawdex għal mara' ta' kull età li permezz tas-sehem tagħha fis-soċjetà wettqet differenza f'ħajjiet ħaddieħor u ħalliet impatt pożittiv. L-għan huwa sabiex in-nominati nisa ta' kull età minn żgħażagħ sa anzjani li huma attivi fil-komunità jew xi organizzazzjoni ikunu qed jirrappreżenta għażla li tkun waħda varjata u diversa. Għalhekk minħabba id-data tal-għeluq kienet fis-26 ta' Frar ġiet nominata is-sinjura Doris Pace li kienet nominata ukoll għal Ġieh L-Imsida 2023.

Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament

63.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-immaniġġjar ta' traffiku go Triq C De Brokdorf fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar talba sabiex din ssir one way minn Triq Jerry Zammit sa k/m Giovanni Schranz

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew li żmien ilu din ġa kienet hekk.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li fil-preżent din hija two way għax skond is-sinjali ta' traffiku li hemm tippermetti għal ħruġ go Triq Gerry Zammit għalhekk l-ewwel jrid jivverifika ma' Transport Malta.

63.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar attività li se ssir go Misraħ San Guzepp nhar is-Sibt 26 ta' Marzu li titratta l-kunċett tas-sawm fir-reliġjonijiet u spjegat li bħas-sena preċedenti l- ispejjez huma relatati mal-ikel, platti, tazzi u sound.

Is-sur Nicholas Chircop staqsa dwar il-fondi li hemm allokati għal dawn l-attivitajiet .

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li fi snin preċedenti l-parti il-kbira tal- ispejjeż għal-attivitajiet kemm kulturali jew sportivi li saru kienu ffinanzjat bil-fondi ta' kollaborazzjoni imnedija mir-Regjun Lvant jew kif kien magħruf qabel Ċentru. Hawn spjega li sal-ġurnata ma' kien hemm xejn f'rigward ta' dawn il-fondi Reġjonali għalhekk għad ma hemmx allokazzjoni. Dan ifisser li l-attivitajiet approvati għal Marzu se jkunu kollha finanzjati mill- fondi tal-kunsill ħlief l- ispejjez għal fejn hemm bżonn uffiċjali mal-purċissjoni li l-fondi jistgħu jiġu rifuzi minn skema tal-LESA.

Is-sur Maurice Agius staqsa jekk hux possibbli li tintalab għajnuna mid-dipartiment tal-edukazzjoni sabiex jipprovdi trasport.

Is-sur Emanuel Brincat wieġeb li se jara x' jista’ ssir.
Is-Segretarju Ezekuttiv ħa nota.

63.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar proġett ta' DONINU MALTA bil-għan li jferraħ lill tfal b’diżabilità jew morda billi joħorġuhom ġranet barra fil-kampanja, iqassmu ħelu u ikel etc. Għalhekk hemm bżonn ta' numru ta' tined fejn il-kunsill lokali stess jista’ jixtri waħda mingħand l-aġent għal €150 u b'hekk ikun qed jgħin lill dawn in-nies fil-bżonn.
< Is-Sur Maurice Agius staqsa għaliex ma 'kienx infurmat >
< Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-stedina kienet għas-Sindku >
Is-sur Charles Selvaggi tkellem f'rigward ta’ rapport finanzjarju u staqsa jekk il-kunsill hux pożizzjoni li jgħin b'dan il-mod għax il-quddiem se jkun hemm talbiet simili.

Miżjuda <Is-sur Maurice Agius staqsa għaliex ma 'kienx infurmat , Is-sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-stedina kienet għas-Sindku>

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li f'dan il-każ l-ammont imsemmi mhux kbir u konformi ma’ 33m tal-att, iżda l-kunsill xorta jrid joqgħod attent għal sa fejn jista’ jasal b'dak ġa provdut fl-estimi mingħajr il-fondi addizzjonali li jista’ jkun hemm minn xi skemi.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

63.5.05 Is-sur Emanuel Brincat tkellem dwar barbier li qed joħroġ bank u jostakola l-bankina go Triq Johnny Catania sabiex jintalab biex ma jibqax jagħmel hekk.
Is-Segretarju Ezekuttiv ħa nota.

63.5.06 Is-sur Emanuel Brincat tkellem dwar talba minn sid ta' lukanda go Triq Mons Dandria biex jagħmel għas- spejjez tiegħu bankina żgħira quddiem l-entratura għas- servizzi li hemm go Triq Robert Naudi.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u ma’qablux li jintilef parkeġġ.

63.5.07 B'referenza għal minuti 58.5.02, is-sur Emanuel Brincat poġġa fuq il-mejda il-pjan għal implimentazzjoni ta' maniġġjar ta’ traffiku għal Triq San Lwigi kif diskuss b’direzzjoni l-isfel mill-bridge u bil-ħin. Hawn spjega kif ġie osservat li dan l-arranġament jista’ jkun komplikata u problema minħabba diversi fatturi kif indikat fil pjanta.
Il-kunsilliera preżenti għamlu diskussjoni fejn is-sur Maurice Agius ippropona sistema ta' traffic lights.
Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li kif hija it-triq is-sistema ta' traffic lights trid tkun estiża wkoll għal Triq il-Kuncizzjoni minħabba vetturi ġejjin minn fejn l-kappella għax l-parti li sejra l-fuq hija b’żewġt direzzjonijiet. L-istess irid ssir go Triq il-Kuncizzjoni biex il-parti li hemm k.m ma' Triq San Lwigi tkun tippermetti l-passaġġ ta’ vetturi. Ma' dan hemm ukoll kunsiderazzjoni oħra dwar it-tul ta' triq u kemm se tagħti ħin biex dawn jaqilbu u jkun żgurat li ma' jkunx hemm vetturi għaddejjin f’direzzjoni opposta. Peress li l- iskola għalqet ftit wara li ħa l-kariga ma' jiftakarx sew il-ħin u minn fejn eżatt it-toroq ikunu magħluqa għalhekk kif hemm indikat li din daqt targa tibda topera, l-kunsill jista’ jikonsulta mal-amministrazzjoni ħalli jikkunsidra liem huma l-aħjar opzjonijiet.

63.5.08 B'referenza għal minuti 60.4.09, Is-sur Charles Selvaġġi staqsa jekk kienx hemm x’iżvilupp dwar ix- xogħol li jrid ssir go Triq Achille Ferris.
Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li x' ġranet qabel kiteb lill perit konċernat tal-parti privata biex jara f' hiex waslu biss sal-ġurnata għadu ma' kienx hemm tweġiba.

63.5.09 Is-sur Charles Selvaggi tkellem dwar ilmenti bejgħ ta' drogi f' toroq Qroqq u Skola li waslu għandu.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li hemm rapporti anke b'ritratti go toroq oħra fejn ġa saret kommunikazzjoni mal-pulizija.
Is-Segretarju Ezekuttiv ħa' nota biex iwassal rapport lill pulizija.

63.5.10 B'referenza għal minuti 60.4.12, Is-sur Charles Selvaġġi tkellem dwar road hump fil-lista li ġiet ippreżentat minn resident fis-Swatar u li ma saritx minħabba l-oġġezzjoni ta' residenti ġirien u staqsa biex almenu ssiru tabelli li jindikaw b'kemm huwa il-massimu permess ta' Km.h li tista' ssuq f'zona residenzjali.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li jekk ma' jkunx hemm infurzar bit-tabelli weħidhom mhux se ssolvi l-problema.

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li għandu dubju dwar il-massimu jekk hux 30 jew 50 Km.h b'hekk se jikkomunika ma' TM biex ikun ċert, f'rigward ta' tabelli spjega li jaf li hemm x' ftit maħżuna u se jivverifika x'hemm għalhekk jekk il-kunsill jaqbel dawn jistgħu ssiru.

63.5.11 B'referenza għal minuti 61.4.10, Is-sur Charles Selvaggi tkellem dwar l-BIS go Triq Victor Denaro fejn ta' kulljum qed ssir abbuż.

Is-Segretarju Ezekuttiv għamel referenza għal minuti 63.4.06 relatata mas- sugett fejn spjega li l-operatur qed jirsisti biex jinstab sit alternattiv. Hawn għarraf lill kunsilliera preżenti li matul il-ġurnata waslet ukoll komunikazzjoni mill- ERA li għada qed titlob biex il-kunsill jzid tlett (3) siti oħra kif titlob il-leġislatura għalhekk qed jistenna li se jkun hemm pressjoni. F'dan ir-rigward ġa qed jipprepara numru ta' ritratti li juru car x'qed ikun hemm sabiex jibgħat tweġiba jew jagħmel mistoqsija dwar x'qed issir eżatt bil-infurzar mwiegħed.

63.5.12 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar hoarding wall ma' binja go Triq Santa Venera biex il-kunsill ikellem lill iżviluppatur għax m'hemmx bankina.
Is-Segretarju Ezekuttiv ħa' nota.

63.5.13 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar ilment li ħa' mingħand il-ħaddiema ta' barra li qed jiġu mqabbda min xi ħadd fl-uffiċju biex jmorru jgħinu lill kuntrattur tal-Bulky meta jkun hemm x' oġġett goff biex jekk dan hu il- każ għandu jinħareġ *Default Notice* lill kuntrattur.

Is-Sur Emanuel Brincat tkellem ukoll dwar il-ħin li jinġabar u l-sikart goff li kien bbukkjat u ma' ngabarx għax mhux fil-lista fejn imbagħad jingħata appuntament f'data oħra flok jinġabar li mhux sew.

Is-Segretarju Ezekuttiv ħa' nota u wieġeb li ma' tax struzzjoni bħal dik msemmija għax il-ġbir huwa responsabiltà tal- kuntrattur biss u ħadd mill-uffiċju ma' ġie delegat biex jagħmel hekk. Għalhekk se jkellem lill ħaddiema ta' barra kif ukoll dawk tal-uffiċju biex jara x'gara eżatt u għala ħadd ma' ġibed għal- attenzjoni tiegħu mal-ewwel bħal ma jsir ssoltu għal kull ħaġa. Iżda hemm każ li sar xi ħaġa bħal din minn wara daru se jiżgura li jitteħdu l-passi neċessarji kollha. F'rigward tal-ħin il-kuntratt jgħid li l-ġbir ma jistax ssir qabel is-7:00 am jew wara 17:00pm b'hekk ma jistax jgħid li hemm default iżda dwar l-appuntamenti msemmija ġa sar jaf u se jitkellem ma' minn għamel l- iżball anke biex jivverifika wkoll ir-raġuni għala l-appuntamenti li

**63.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat ;**

Ma' kienx hemm rapporti

**63.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

63.7.01 Is-segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-63 ta' ħlasijiet bejn is-17 ta' Jannar u 27 ta' Frar 2024.
Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l-iskeda unanimament li ġiet proposta mis-sur Emanuel Brincat u s-sekondat mis-sur Charles Selvaggi.

**63.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

63.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis- 06:54 ta' filgħaxija, u s-seduta li jmiss se tkun nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu fil-5:00 ta' filgħaxija

Minuti konfermati, illum 26 ta' Marzu 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |